MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 18/2004

**Citazzjoni numru 18/2004**

**Angelo Muscat**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara illi ppremetta illi fl-Att tat-Twelid tieghu li jgib in-numru mija u disgha u tmenin tal-elf disa' mija u erbgha u hamsin (189/1954) - anness u markat dokument A - fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonni ntestati: Ismijiet moghtijin lit-tarbija u Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, isem l-attur jinsab registrat u jidher bhala Angel minflok Angelo.

Illi fl-att tal-maghmudija tal-Parrocca tan-Nadur, fejn gie mghammed l-attur, ismu jinsab registrat b'mod korrett bhala Angelo u mhux Angel, kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat relattiv anness u markat dokument B.

Illi kemm fuq il-karta ta' l-identita' u l-passaporti ta' l-attur, kemm dak Malti kif ukoll dak Awstraljan, isem l-attur jidher bhala Angelo u mhux Angel - dokumenti C u D.

Illi l-isem li bih l-attur huwa maghruf u li bih huwa msejjah u li juza komunament huwa ta' Angelo u mhux Angel;

Illi l-attur irid li ismu kif jinsab registrat bhala Angel fl-att tat-Twelid tieghu jigi kkorregut ghall-isem korrett ta' Angelo, liema talba qeghdha ssir ai termini ta' l-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili, Kap 16.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-isem moghti lill-attur fit-twelid tieghu u l-isem uzat minnu u li bih l-attur huwa maghruf u li huwa msejjah bih m'huwiex ta' Angel izda ta' Angelo;

2. konsegwentement a tenur tad-disposizzjonijiet imsemmija that il-Kap 16, tordna d-debita tiswija relattiva fl-Att ta' Twelid ta' l-attur numru mija u disgha u tmenin ta' l-elf disa' mija u erbgha u hamsin (189/1954) billi fil-parti relattiva gaht-taghrif ewar it-tarbija fil-kolonni intestati: Ismijiet moghtijin lit-tarbija u Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, ir-registrazzjoni relattiva tigi kkoreguta ghall-isem Angelo minflok Angel.

Bl-ispejjez.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debtiament guramentata, l-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat ir-riferta posittiva tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, kif ukoll ta' l-Avukat Generali.

Semghet l-attur bil-gurament jghid illi huwa dejjem kien maghruf u msejjah Angelo u mhux Angel

Ghalhekk jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-attur numru mija u disgha u tmenin ta' l-elf disa' mija u erbgha u hamsin (189/1954) billi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonni ntestati: Ismijiet moghtijin lit-tarbija u Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, ir-registrazzjoni relattiva tigi kkoreguta ghall-isem Angelo minflok Angel.

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------